StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta

## IR-RABA' SENA     IR-RELIĠJON     IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**L-Isem:** ____________________________________     **Il-Klassi:** ______________

**TAQSIMA 1** **(8 marki)**

**Imla l-vojt bil-kelmiet jew frażijiet ipprovduti fil-kaxxa t'hawn taħt.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **nisel** | **Eġittu** | **JIENA-HU** | **il-Kangħanin** |
| **il-Mulej** | **Mosè** | **Ġakobb** | **Abraham** |

### <u>L-isem t'Alla</u>



____________________ reġa' wieġeb: "Ara, jien immur għand ulied Iżrael u ngħidilhom: 'Alla ta' missirijietkom bagħatni għandkom', u huma jistaqsuni, 'X'jismu?' Jiena x' ngħidilhom?" Alla wieġbu: "JIEN LI JIEN". U kompla jgħidlu: "Hekk għandek tgħidilhom lil ulied Iżrael, '____________________ bagħatni għandkom.'" U Alla kompla jgħidlu: "Hekk għandek tgħidilhom lil ulied Iżrael: Jahweh, Alla ta' missirijietkom, Alla ta' ____________________, Alla ta' Iżakk, Alla ta' Ġakobb, bagħatni għandkom.

Dan ikun ismi għal dejjem u dan l-isem ifakkarhom fija minn nisel għal ____________________.

Mur u iġbor ix-xjuħ ta' Iżrael u għidilhom: ____________________, Alla ta' missirijietkom, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, Alla ta' ____________________, deherli u qalli: Ħsibt fikom u x'qegħdin jagħmlulkom fl-____________________. Jien inwigħedkom li ntellagħkom mit-tbatija tal-Eġittu, f'art ____________________, art li tnixxi ħalib u għasel."

*(Eż 3: 13-17)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA 2** (1

**Kompli s-sentenzi bil-frażijiet li ssib fil-kaxxi li ġejjin.**

| | | |
|---|---|---|
| fil-ħames pilastri tal-fidi. | huwa s-sid ta' kollox u ta' kulħadd. | ~~biex isalvana mid-dnub.~~ |
| permezz ta' għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm. | Nsara, Lhud u pagani. | li jismu Brahma. |
| insejħulu ċelibi. | Abraham kellu fi xjuħitu. | permezz tal-mirakli u l-qawmien mill-mewt tiegħu. |
| l-għaqda bejn il-Papa u l-Isqfijiet infushom. | huwa dak ta' Rikonċiljazzjoni. | |

| **Eż. Ġesù miet għalina** | **biex isalvana mid-dnub.** |
|---|---|
| 1. Fl-Induwiżmu nsibu alla | |
| 2. Il-Musulmani jemmnu | |
| 3. Iżakk kien it-tifel li | |
| 4. Fir-rakkont tal-Ġenesi naraw li Alla | |
| 5. Alla sejjaħ lil Mosè | |
| 6. Dwar Ġesù nsibu referenzi f'dokumenti | |
| 7. Ġesù wera li kien veru Alla | |
| 8. Isem ieħor għas-sagrament tal-Qrar | |
| 9. Il-Kolleġġjalità hija | |
| 10. Qassis li jiddedika ħajtu lil Alla | |









www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA 3**

**Agħti t-tifsira ta' dawn il-kelmiet.**

| | |
|---|---|
| 1. Il-Fanatiżmu | ____________________ |
| 2. Is-Superstizzjoni | ____________________ |
| 3. Il-Kanoni tal-Bibbja | ____________________ |
| 4. L-Eżodu | ____________________ |
| 5. Id-Dnub tan-Nisel | ____________________ |
| 6. Il-Konċilju Vatikan II | ____________________ |
| 7. Il-Knisja | ____________________ |
| 8. L-Infallibilità | ____________________ |
| 9. Il-Vokazzjoni | ____________________ |
| 10. Il-Liturġija | ____________________ |

**TAQSIMA 4** **(10 marki)**

**Imla l-vojt bl-ismijiet tal-personaġġi tal-Pjan tas-Salvazzjoni.**

Alla sejjaħ lil **A**____________________ li b'fiduċja għamja telaq minn art twelidu lejn l-art li Hu kellu jurih. Dan kellu iben li semmieh **I**____________________ li Alla talab li jiġi offrut bħala sagrifiċċju tal-ħruq. **Ġ**____________________ kellu tnax-il tifel li minnhom ħarġu t-tnax-il tribù ta' Iżrael. Permezz taż-żagħżugħ **Ġ**____________________ l-poplu Lhudi daħal biex jgħix ġewwa l-Eġittu. **M**____________________ kien dak li ħeles lill-poplu Lhudi mill-jasar fl-Eġittu. Kien permezz ta' **Ġ**____________________ li wara erbgħin sena fid-deżert il-poplu Lhudi daħal fl-art ta' Kangħan.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com




Wara mitejn sena Alla ta sultan jismu Sawl lill-poplu tiegħu. Iżda Sawl ma kienx fidil lejn Alla u għalhekk Alla għażel lil **D**____________________ u dan għaqqad lil Ġerusalemm. Dan sar l-aqwa u l-ikbar sultan tal-Lhud. Huwa kellu tifel li semmieh **S**____________________, bniedem ta' għerf kbir li kellu jibni t-tempju t'Alla f'Ġerusalemm. Wara, il-Lhud kellhom jgħaddu mill-eżilju u t-tieni eżodu tagħhom sakemm fl-aħħar twieled **Ġ**____________________, il-Messija. Sittin sena wara, aħna l-Maltin, permezz ta' **P**____________________ u t-tagħlim tiegħu, bdejna nitgħallmu dwar Alla veru u Ibnu Ġesù.

**TAQSIMA 5** **(12-il marka)**

**Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Dak il-Ħadd filgħaxija, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej.

Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom. Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom." Kif qal hekk nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."

***(Ġw 20, 19-23)***

1. Ikteb it-tislima speċjali li Ġesù uża meta ltaqa' mal-appostli.

______________________________________________________________ *(marka)*

2. Għalfejn ferħu d-dixxipli meta raw lill-Mulej?

______________________________________________________________ *(marka)*

3. X'ried jgħid bih Ġesu l-kliem: *"Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom"?*

______________________________________________________________ *(2 marki)*

4. Semmi **tlieta** mis-setgħat speċjali li Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu.

a)______________________________________________________________

b)______________________________________________________________

c)______________________________________________________________ *(3 marki)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Permezz ta' din il-ġrajja nistgħu ngħidu li Ġesù jafda s-sagrament tal-maħfra f'idejn... tiegħu. Bħala Nsara aħna għalfejn għandna naħfru?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________*(2 marki)*

6. Semmi **żewġ** okkażjonijiet fil-ħajja tiegħek fejn inti ħfirt lil ħaddieħor minkejja xi azzjoni ħażina li rċevejt.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________*(2 marki)*

7. F'liema talba nitolbu lil Alla biex jaħfrilna?

______________________________________________________________________*(marka)*

**TAQSIMA 6**

**Wieġeb fil-qosor.** **(23 marka)**

1. Semmi **żewġ** fatturi li jistgħu jfixklu l-fidi tagħna.

a)____________________________________________________________________*(marka)*

b)____________________________________________________________________*(marka)*

2. Agħti t-tifsira tal-kelma 'Reliġjon'.

______________________________________________________________________*(marka)*

3. Min kien il-fundatur tal-Buddiżmu?

______________________________________________________________________*(marka)*

4. Għalfejn ngħidu li l-Bibbja hija 'ispirata'?

______________________________________________________________________*(marka)*

5. X'verità għandna nfittxu fil-Bibbja?

______________________________________________________________________*(marka)*

6. Skont il-ktieb tal-Ġenesi, Alla f'kemm-il jum ħalaq il-ħolqien?

______________________________________________________________________*(marka)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7. Liema forma letterarja ntużat fil-ġrajja tal-waqgħa tal-bniedem fid-dnub?

______________________________________________________________(m

8. Semmi firda li ġab id-dnub fil-bniedem.

______________________________________________________________(marka)

9. X'kien jisimha x-xmara fejn instab Mosè meta kien tarbija?

______________________________________________________________(marka)

10. Ikteb l-ewwel kmandament li Alla ta lill-poplu tiegħu.

______________________________________________________________(marka)

11. Liema hi l-ikla speċjali li l-Lhud għamlu qabel ma ħarbu mill-Eġittu?

______________________________________________________________(marka)

12. B'liema mod ġie ffirmat il-patt bejn Alla u l-poplu Lhudi?

______________________________________________________________(marka)

13. Għaliex il-liġi t'Alla tagħti garanzija tal-libertà?

______________________________________________________________(marka)

14. Semmi **żewġ** ġrajjiet li permezz tagħhom nafu li Ġesù kien bniedem.

a)____________________________________________________________(marka)

b)____________________________________________________________(marka)

15. F'liema Konċilju ġiet diskussa l-persuna ta' Ġesù?

______________________________________________________________(marka)

16. Għalfejn Ġesù kellu jmut u jqum mill-mewt?

______________________________________________________________(marka)

17. Ġesù xebbah lill-Knisja tiegħu ma' ħafna affarijiet. Semmi **waħda** minn dawn it-tixbihat.

______________________________________________________________(marka)

18. Semmi **żewġ** ġrajjiet li fihom Ġesù juri li għandu tassew għal qalbu lill-midinbin.

a)____________________________________________________________(marka)

b)____________________________________________________________(marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

19. F'liema ġrajja Ġesù waqqaf l-Ewkaristija?

______________________________________________________________________(marka)

20. X'jiġri mill-ħobż u l-inbid f'dan is-sagrament?

______________________________________________________________________(marka)

**TAQSIMA 7** **(17-il marka)**

**Agħżel WAĦDA minn A, B, u C u fil-paġna ta' wara wieġeb il-mistoqsijiet tagħha f'madwar 150 kelma.**

**A. MOSÈ**



1. Ikteb fi kliemek il-ġrajja meta Alla permezz ta' Mosè ħareġ lill-poplu Lhudi mill-jasar fl-Eġittu. *(5 marki)*
2. Għaliex il-poplu Lhudi kien iqis il-kmandamenti bħala "e*għżeż mid-deheb, mid-deheb l-aktar fin, oħla mill-għasel u mill-qtar tax-xehda..."(Salm 18)?* *(6 marki)*
3. Uri kif il-kmandamenti jgħinuna biex ngħixu ħajja Nisranija aħjar. *(6 marki)*

**JEW**

**B. IS-SAMARITAN IT-TAJJEB**



1. Irrakkonta fi kliemek il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb. *(5 marki)*
2. Agħti **żewġ** tagħlimiet li nieħdu minn din il-parabbola. *(6 marki)*
3. Agħti **żewġ** eżempji kif nistgħu nsegwu din it-tagħlima fil-prattika. *(6 marki)*

**JEW**

**C. L-EWKARISTIJA**

1. Ikteb fi kliemek il-ġrajja meta Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija. *(5 marki)*
2. Meta waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija, Ġesù għaqqad it-Testment il-Qadim mat-Testment il-Ġdid. Spjega kif Ġesù għamel dan. *(6 marki)*
3. Kif qed tiġi mfakkra l-Ewkaristija llum il-ġurnata? X'għandu speċjali għalina l-Insara jum il-Ħadd? *(6 marki)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TMIEM IL-KARTA**



StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers